**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**(Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud - Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 39/15VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 25 ta' Frar 2021**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat mis-soċjetà XXX Ltd. fis-17 ta' Ġunju 2015 permezz ta' liema titlob li l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha mill-Kummissarju tat-Taxxi għall-perijodi ta' taxxa 01.04.12-30.06.12, 01.07.12-30.09.12, 01.10.12-31.12.12 u 01.01.13-31.03.13 jiġu kkanċellati u revokati *in toto*, inkluż għalhekk it-taxxa amministrattiva u imgħaxijiet imposti fuqha, stante li d-denunzji tat-taxxa sottomessi minnha għall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni huma korretti, bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "D1" a fol. 6 sa' 13 tal-proċess;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' liema jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.04.12-30.06.12, 01.07.12-30.09.12, 01.10.12-31.12.12 u 01.01.13-31.03.13 u jitlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra tagħha, u minflok l-imsemmija stimi jiġu ikkonfermati stante li l-aggravji fuq liema s-soċjetà Rikorrenti tibbaża l-appell tagħha huma għalkollox infondati fil-fatt u fid-dritt. In linea preliminari, il-Kummissarju tat-Taxxi jissolleva wkoll l-eċċezzjoni a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba n-nuqqas ta' ko-operazzjoni grossolana da parte tas-soċjetà Rikorrenti li, għal raġunijiet li taf hija biss, baqgħet inadempjenti fir-rigward tat-talbiet leġittimi tiegħu sabiex tipproduċi d-dokumentazzjoni kollha mitlub minnu;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi markati Dok. "A" sa' Dok. "J" a fol. 24 sa' 53 tal-proċess;

Ra li fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2015, it-Tribunal ġie nfurmat li kienu għaddejjin trattattivi bejn il-partijiet kontendenti u li t-Tribunal a sua volta ordna li kemm-il darba ma jintalħaq ebda ftehim bejn il-partijiet, jibdew jitressqu l-provi da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi limitatament għall-eċċezzjoni preliminari sollevata minnu ai termini ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ra li ma ntlaħqet l-ebda transazzjoni bejn il-partijiet kontendenti u li wara d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fir-rigward ta' l-interpretazzjoni w applikabilità ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta[1], ordna l-prosegwiment tal-kawża[2];

Ra li b'Digriet mogħti fil-5 ta' Diċembru 2017[3] it-Tribunal ordna korrezzjoni fir-Rikors promotur billi taħt l-istess intestatura tat-Tribunal jiżdiedu l-kliem "Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud - Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta" u ordna wkoll korrezzjoni fl-okkju fis-sens li l-intimat jiġi indikat bħala "Il-Kummissarju tat-Taxxi";

Sema' x-xhieda ta' Rachel Cordina, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduti tas-17 ta' Ottubru 2017[4], tal-5 ta' Diċembru 2017[5] u tat-8 ta' Mejju 2018[6] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "RC1" sa' Dok. "RC4" a fol. 71 sa' 78 tal-proċess, Dok. "RC5" a fol. 82 tal-proċess u Dok. "RC5" ieħor[7] a fol. 89 sa' 94 tal-proċess, sema' x-xhieda ta' Glorianne Calleja[8], Noel Borg[9], Jonathan Fenech[10] u Martin Buttigieg[11], ilkoll rappreżentanti tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2018 u ra d-dokument esebit minn Martin Buttigieg markat Dok. "MB" a fol. 105 sa' 109 tal-proċess, ra l-affidavits ta' Aaron Falzon, Andrei Vella, Lawrence Zammit u kopja ta' l-affidavit ta' Craig Robinson u id-dokumenti annessi magħhom esebiti mis-soċjetà Rikorrenti permezz ta' Nota ippreżentata fl-24 ta' Jannar 2019 a fol. 122 sa' 159 tal-proċess, ra l-affidavit in oriġinal ta' Craig Robinson u d-dokumenti annessi miegħu u d-dokument markat Dok. "CP2" konsistenti f'kopja legali tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 1663/14 fl-ismijiet "Domestica Limited v. Simon Robert Smith u XXX" u tal-Kontro-Mandat għal tali Mandat ta' Qbid, esebiti mis-soċjetà Rikorrenti permezz ta' Nota ppreżentata fis-27 ta' Frar 2019 a fol. 161 sa' 199 tal-proċess;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 204 sa' 222 tal-proċess u ra in-Nota Responsiva tas-soċjetà Rikorrenti a fol. 224 sa' 239 tal-proċess;
Sema' t-trattazzjoni finali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

---

[1] A.B. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Rik. Nru. 300/12, deċiża fid-19 ta' Mejju 2017 u A.B. Ltd. v. Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), Rik. Nru. 141/13 deċiża fid-19 ta' Mejju 2017.
[2] Verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju 2017, fol. 69 tal-proċess.
[3] Fol. 81 tal-proċess.
[4] Fol. 79 u 80 tal-proċess.
[5] Fol. 83 u 84 tal-proċess.
[6] Fol. 95 sa' 101 tal-proċess.
[7] Dokumenti differenti minn dak ippreżentat a fol. 82 tal-proċess.
[8] Fol. 110 u 111 tal-proċess.
[9] Fol. 112 tal-proċess.
[10] Fol. 113 u 114 tal-proċess.
[11] Fol. 115 tal-proċess.

**Ikkonsidra:**

Permezz ta' stimi maħruġa fil-21 ta' April 2015 għall-perijodi ta' taxxa 01.04.12-30.06.12, 01.07.12-30.09.12, 01.10.12-31.12.12 u 01.01.13-31.03.13[12], il-Kummissarju tat-Taxxi jesiġi ħlas mingħand is-soċjetà Rikorrenti tas-somma ta' €399,285.07 rappreżentanti taxxa fuq il-valur miżjud għall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni, flimkien mas-somma ta' €79,857.02 rappreżentanti taxxi amministrattivi u s-somma ta' €32,518.47 rappreżentanti imgħaxijiet, komplessivament ammontanti għal **€511,660.56**. Is-soċjetà Rikorrenti tikkontesta l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha u titlob li l-istess jiġu revokati u kkanċellati *in toto*, inkluż għalhekk it-taxxa amministrattiva u imgħaxijiet imposti fuqha, stante li d-denunzji tat-taxxa minnha sottomessi għall-imsemmija perijodi ta' taxxa huma korretti. Apparte minn hekk is-soċjetà Rikorrenti tippremetti wkoll li *l-istimi finali mertu ta' dan l-appell ħarġu għall-perijodu qabel ma s-soċjetà ssospendiet l-operat tagħha. Kif digà ngħad is-soċjetà, f'dak iż-żmien, kienet qed tinkorri spejjeż u tagħmel investiment kapitali sostanzjali. Huwa għalhekk li s-soċjetà appellanti spiċċat f'pożizzjoni ta' kreditu mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Jidher [hawn qed jintuża t-terminu 'jidher' għaliex is-soċjetà appellanti ma tistax tikkonferma jekk fil-fatt dak allegat mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud dwar kif żvolġew l-affarijiet huwiex minnu. L-informazzjoni ta' kif żvolġew l-affarijiet ingħatat lis-soċjetà appellanti mid-Dipartiment tal-VAT wara li kienu digà nħarġu l-Istimi Finali], li sussegwentement il-Kummissarju talab informazzjoni mis-soċjetà appellanti sabiex jivverifika l-kreditu. Din it-talba jidher li saret wara li l-operazzjonijiet tas-soċjetà appellanti ġew sospiżi. Wara li il-Kummissarju ma rċeviex l-informazzjoni allegatament mitluba, il-Kummissarju mexa biex joħroġ l-istimi Proviżorji li imbagħad ġew segwiti bl-Istimi Finali. Ir-raġuni għalfejn il-kumpannija appellanti ma rrispondietx għar-rikjesta għall-informazzjoni u kif ukoll l-istimi Provviżorji kienet sempliċi ħafna, u cioè, li din il-korrispondenza u l-istimi ma ġewx a konjizzjoni tas-soċjetà appellanti. Fil-fatt is-soċjetà appellanti saret taf dwar kif allegatament żvolġew l-affarijiet ftit jiem ilu. Jidher li l-Kummissarju bgħat korrispondenza lis-soċjetà appellanti, inkluż l-istimi Proviżorji u kif ukoll l-istimi Finali fil-post fejn is-soċjetà kellha l-uffiċċju tagħha, u cioè Domestica Complex, Triq il-Wied, Msida, u mhux fl-uffiċċju reġistrat tagħha. In segwitu għall-proċeduri istitwiti minn sid il-kera s-soċjetà appellanti b'effett mill-4 ta' Novembru 2014 ma baqgħetx taċċedi l-uffiċini l-Msida. Kien għalhekk li kull korrispondenza li setgħet ntbagħtet mill-Kummissarju f'dak l-indirizz ma setgħetx tiġi a konjizzjoni tas-soċjetà appellanti. Tenut kont ta' dan l-isfond, il-qofol ta' dan l-appell però jibqa' li d-denunzji sottomessi mill-kumpannija appellanti għal perijodu in kwistjoni huma fil-fatt korretti u l-kreditu mitlub huwa fil-fatt dovut mill-Kummissarju u dan kif ser jintwera waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.*

Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.04.12-30.06.12, 01.07.12-30.09.12, 01.10.12-31.12.12 u 01.01.13-31.03.13 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija stimi jiġu kkonfermati stante li l-aggravji fuq liema tibbaża l-appell tagħha huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt. Apparte minn hekk u in

[12] Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 6 sa' 9 tal-proċess.

linea preliminari, il-Kummissarju tat-Taxxi jinvoka l-applikabilità ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta stante li s-soċjetà Rikorrenti naqset, bla ebda raġuni valida, milli tissottometti d-dokumenti lilha mitluba bil-miktub fil-perijodu bejn l-20 ta' Ottubru 2014 u t-28 ta' Jannar 2015.

L-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Il-Kummissarju jista', f'kull żmien matul iż-żmien speċifikat fis-subartikolu (4), jeħtieġ lil kull persuna li tipproduċi, jew jista' jeleva mingħand kull persuna, inkluż terza persuna, id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika meħtieġa li jinżammu minnha bis-saħħa ta' dan l-artikolu, u jagħmel kopji tagħhom: Iżda, jekk ikun hemm evidenza li wara li tkun intalbet mill-Kummissarju b'avviż bil-miktub, il-persuna tkun naqset li tipproduċi mingħajr skużanti raġonevoli d-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika sa' tletin jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż, hija ma tkunx tista' titħalla tipproduċi dik id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika fi stadju aktar tard minn meta tkun inħarġet stima jew stimi proviżorji jew quddiem it-Tribunal, jew f'xi Qorti tal-Ġustizzja: Iżda wkoll meta titqiegħed fiduċja fuq xi persuna oħra sabiex din twettaq xi biċċa xogħol, il-fatt li jkun hemm dik il-fiduċja jew xi dewmien jew ineżattezzi mill-persuna li jkollha l-fiduċja ma jitqiesx li hija skużanti raġonevoli għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu.*

Minn dan l-artikolu tal-Liġi joħroġ ferm ċar li l-provvediment espressament invokat mill-Kummissarju tat-Taxxi f'dawn il-proċeduri huwa dak enunċjat fl-ewwel *proviso* ta' l-istess imsemmi artikolu u minn dan l-ewwel *proviso* jirriżulta daqstant ieħor ċar li biex il-projbizzjoni hemm kontemplata tiskatta jeħtieġ li: (i) il-Kummissarju tat-Taxxi (mill-inqas fiż-żmien ta' sitt snin mit-tmiem tas-sena li fiha jaqgħu l-perijodi ta' taxxa li jkunu qed jiġu investigati) jkun talab lit-*taxpayer* għad-dokumenti, dokumentazzjoni u data permezz ta' avviż bil-miktub; (ii) li minkejja tali talba bil-miktub it-*taxpayer* jonqos milli jipproduċi tali dokumenti, dokumentazzjoni u data mitluba fi żmien tletin ġurnata min-notifika ta' l-avviż; u li (iii) it-*taxpayer* ma jkollu l-ebda skużanti raġonevoli għal tali nuqqas ta' produzzjoni ta' dokumenti, dokumentazzjoni u data hekk mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Mill-provi prodotti jirriżulta li b'avviż datat 20 ta' Ottubru 2014[13] indirizzat lis-soċjetà Rikorrenti fl-indirizz 3rd Floor, Domestic Complex, Triq il-Wied, Msida, il-Kummissarju tat-Taxxi talabha sabiex tippreżenta l-kotba tax-xiri u tal-bejgħ tagħha, senjatament il-kotba tax-xiri li jinkludu l-ispejjeż kapitali u spejjeż oħra għall-perijodi 01.04.12-30.06.12, 01.07.12-30.09.12, 01.10.12-31.12.12 u 01.01.13-31.03.13; riċevuti u fatturi għall-istess perijodi u Financial Statements għas-snin 2012 u 2013, u dana għall-fini ta' eżerċizzju skond l-Artikolu 53 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. It-tqassim ta' dan l-avviż lis-soċjetà Rikorrenti sar tramite l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud Glorianne Calleja u Noel Borg, u dana wara li l-ewwel tentattiv ta' notifika bil-posta kien wieħed fin-negattiv. Dan jirriżulta ċar mill-Credit Control Report[14] u mix-xhieda ta' Rachel Cordina, ir-rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi li esegwiet il-Credit Control Exercise fil-konfront tas-

[13] Dok. "RC2" a fol. 73 tal-proċess.
[14] Dok. "RC1" a fol. 71 u 72 tal-proċess.

soċjetà Rikorrenti, mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2018[15]. L-imsemmija Spetturi tad-Dipartiment Glorianne Calleja u Noel Borg ħallew l-avviż in kwistjoni taħt il-bieb ta' l-indirizz imsemmi fil-21 ta' Novembru 2014, stante li *we rang the bell several times but there was no answer, so we posted the letter under the door*[16].

Dan l-ewwel avviż ġie segwit b'avviż ieħor identiku datat 2 ta' Jannar 2015[17] u wkoll indirizzat fl-indirizz 3rd Floor, Domestica Complex, Triq il-Wied, Msida. F'dan il-każ ukoll it-tqassim ta' dan l-avviż sar permezz ta' l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud Glorianne Calleja u Noel Borg illi fit-13 ta' Jannar 2015 għal darb' oħra reġgħu hallew l-avviż taħt il-bieb ta' l-indirizz indikat peress li ma fetħilhom ħadd - *letter was left under the door since no one opened the door*[18]. B'avviż ulterjuri datat 28 ta' Jannar 2015[19], indikat bħala *It-Tielet u l-Aħħar Avviż,* indirizzat fl-indirizz 3rd Floor Domestica Complex, Triq il-Wied, Msida, il-Kummissarju tat-Taxxi mill-ġdid talab lis-soċjetà Rikorrenti tissottometti s-segwenti dokumentazzjoni: l-kotba tax-xiri u tal-bejgħ tagħha, senjatament il-kotba tax-xiri li jinkludu l-ispejjeż kapitali u spejjeż oħra għall-perijodi 01.04.12-30.06.12, 01.07.12-30.09.12, 01.10.12-31.12.12 u 01.01.13-31.03.13; riċevuti u fatturi għall-istess perijodi u Financial Statements għas-snin 2012 u 2013.

Dan it-tielet u l-aħħar avviż ukoll tqassam permezz ta' l-Spetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ossia Jonathan Fenech u l-Ispettur bin-Numru 170, illi fl-4 ta' Frar 2015 impostaw l-istess avviż[20]. Għalkemm fuq dan l-avviż u fuq l-AR Card relattiva għal u annessa miegħu hemm indikat l-indirizz fi Triq il-Wied, Msida, minn Spot-Check Inspection Sheet esebita a fol. 94 tal-proċess - dokument intern tad-Dipartiment - relattiva għat-tqassim ta' l-avviż in kwistjoni, jirriżulta li dan l-avviż tqassam fl-indirizz Level 3, Valletta Buildings, Triq Nofs in-Nhar, Valletta. Fix-xhieda li ta quddiem it-Tribunal waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2018[21], Jonathan Fenech iddikjara lil huwa kien inkarigat mit-tqassim ta' avviż maħruġ mill-Kummissarju tat-Taxxi u dan kellu appuntu jitqassam fl-indirizz Level 3, Valletta Buildings, South Street, Valletta. Dwar kif seħħet din in-notifika, Jonathan Fenech iddikjara li *ppruvajna nħabbtu, ma kien hemm l-ebda risposta u tfajna l-korrispondenza fil-letter box*. Mistoqsi fejn kienet din il-letter box, Jonathan Fenech iddikjara *ma nafx hux fejn il-bieb jew liema naħa imma naf li tfajnieha. Tfajna l-ittra u ffirmajna li tfajna.*

Fil-fehma tat-Tribunal il-mod kif it-tlett avviżi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fl-20 ta' Ottubru 2014, fit-2 ta' Jannar 2015 u fit-28 ta' Jannar 2015 tħallew fl-indirizzi fejn il-Kummissarju ttenna jinnotifika lis-soċjetà Rikorrenti, ma humiex u ma jistgħux jitqiesu bħala notifika valida ai termini tal-Liġi, inkluż għalhekk għall-finijiet u effetti ta' l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[15] Fol. 95 sa; 101 tal-proċess.
[16] Fol. 74 tal-proċess, Dok. "RC5" a fol. 89 u 90 tal-proċess u vide xhieda mogħtija minn Glorianne Calleja u Noel Borg waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2018, rispettivament a fol. 110 u 111 u 112 tal-proċess.
[17] Dok. "RC3" a fol. 75 tal-proċess.
[18] Fol. 91 u 92 tal-proċess u vide xhieda mogħtija minn Glorianne Calleja u Noel Borg waqt is-seduta tal-25 taĠ 'unju 2018, rispettivament a fol. 110 u 111 u 112 tal-proċess.
[19] Dok. "RC4" a fol. 77 tal-proċess.
[20] Fol. 78 tal-proċess.
[21] Fol. 113 u 114 tal-proċess.

A tenur ta' l-Artikolu 73(2) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta *kull avviż li huwa meħtieġ li jingħata mill-Kummissarju jew minn xi persuna oħra taħt dan l-Att jista' jiġi notifikat lill-persuna sew personalment sew billi jintbagħat bil-posta. Kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, notifika ta' avviż mibgħut bil-posta tkun ippruvata permezz ta' evidenza li dak l-avviż kien ġie indirizzat u impostat sew u għandu jitqies li jkun ġie notifikat fil-każ ta' indirizz f'Malta mhux iktar tard mit-tielet jum li jiġi wara l-jum meta dan ikun ġie impostat, u fil-każ ta' indirizz barra minn Malta fil-jum li jiġi wara dak il-jum meta l-avviż kien jiġi riċevut fil-kors ordinarju tal-posta: Iżda meta dik in-notifika ma sseħħx minħabba li dik il-persuna ma tkunx tista' tinstab jew minħabba raġunijiet oħra attribwibbli għal dik il-persuna u l-Kummissarju jippubblika avviż fil-Gazzetta u f'xi ġurnal wieħed jew iktar ta' kuljum fejn jiddikjara li dak l-avviż ikun sar u li fih jistieden lil dik il-persuna biex tmur tiġborha kif u fejn jindikalha l-Kummissarju, dik in-notifika għandha wkoll titqies li tkun ġiet debitament notifikata fid-data tad-debita pubblikazzjoni f'ġurnal ta' kuljum.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi joħroġ ċar li l-Kummissarju tat-Taxxi jista' jagħżel wieħed minn żewġ metodi ta' notifika lit-*taxpayer*: in-notifika li ssir permezz tal-posta jew inkella n-notifika li ssir lit-*taxpayer* personalment. In effetti fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. Co. Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**, **Appell Nru. 8/06** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' Frar 2007, dik il-Qorti osservat illi: *huwa deżumibbli minn qari attent ta' din id-disposizzjoni illi l-mira ġenerali intiża li tintlaħaq hi dik li l-avviż emess mill-Bord* [għaliex f'dak il-każ il-kwistjoni in eżami kienet it-tardività ta' l-appell] *jiġi notifikat lill-persuna, fiżika jew legali, li lilha għandu jkun notifikat. Isegwi minn dan illi l-liġi qed tippresupponi illi l-proċediment tan-notifika jirrealizza ruħu bil-konsenja ta' l-att ta' avviż. Biex jintlaħaq dan l-iskop l-artikolu in eżami jikkontempla żewġ modi ta' notifika: dik personali u dik bil-mezz postali. Huwa indikattiv, fuq l-interpretazzjoni tal-Qorti, illi l-liġi ma qegħda timponi ebda obbligu li l-mittenti għandu jikkonsegwi bilfors xi ġerarkija preferenzjali, u dan hu allura liberu li jadotta dak il-mezz li jidhirlu xieraq minn fost iż-żewġ modi speċifikati.*

Fil-fehma tat-Tribunal meta għall-finijiet ta' notifika ta' avviż maħruġ fil-konfront ta' *taxpayer* il-Kummissarju tat-Taxxi jagħżel li dan jiġi notifikat tramite l-uffiċjali tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hekk kif ġara fil-każ in eżami, huwa jkun qed għażel il-metodu ta' notifika personali lit-*taxpayer*, li jfisser li l-avviż irid effettivament u fiżikament jitħalla f'idejn it-*taxpayer* jew rappreżentant tiegħu jew membru tal-familja/dar tiegħu awtorizzat jirċievi avviżi/korrispondenza għalih. Avviż li għandu jiġi notifikat lit-*taxpayer* personalment li però jitħalla taħt il-bieb ta' l-indirizz reġistrat mad-Dipartiment jew indikat mid-Dipartiment għall-fini ta' notifika, hekk kif ġara fil-każ in eżami, ma jistax jitqies li ġie validament notifikat ai termini tal-Liġi. Tant tali konsenja ta' avviż ma hijiex u ma tistax titqies bħala notifika valida li l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 73(2) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta kjarament jipprovdi x'għandu jagħmel il-Kummissarju tat-Taxxi meta t-*taxpayer* ma jkunx jista' jiġi notifikat, u cioè li *jippubblika avviż fil-Gazzetta u f'xi ġurnal wieħed jew iktar ta' kuljum fejn jiddikjara li dak l-avviż ikun sar u li fih jistieden lil dik il-persuna biex tmur tiġborha kif u fejn jindikalha l-Kummissarju*, u mhux li l-avviż in kwistjoni jitħalla taħt il-bieb tal-fond fejn kellha ssir in-notifika jew fil-letter box tal-fond indikat għall-finijiet ta' notifika.

B'hekk meta fil-każ in eżami l-Ispetturi tad-Dipartiment inkarigati bin-notifika lis-soċjetà Rikorrenti ta' l-avviżi datati 20 ta' Ottubru 2014, 2 ta' Jannar 2015 u 28 ta' Jannar 2015, ġew rinfaċċjati bis-sitwazzjoni fejn dejjem sabu l-bieb ta' l-indirizz relattiv magħluq u ħadd ma jiftħilhom għalkemm iċemplu l-qanpiena tal-fond, l-unika alternattiva li kellhom kienet li jirritornaw l-avviżi relattivi lura lid-Dipartiment bħala mhux notifikati u l-Kummissarju a sua volta jgħaddi għall-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'ġurnal wieħed tad-dikjarazzjoni imsemmija fl-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 73(2) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda ċertament mhux li l-istess avviżi jitħallew taħt il-bieb tal-fondi in kwistjoni.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat, la l-avviżi datati 20 ta' Ottubru 2014, 2 ta' Jannar 2015 u 28 ta' Jannar 2015 indirizzati lis-soċjetà Rikorrenti ma ġewx lilha validament notifikati ai termini tal-Liġi, ma jistax u ma għandux jitqies li hija ġiet validament u formalment interpellata mill-Kummissarju ta-Taxxi biex tissottometti dokumenti, dokumentazzjoni u data in sostenn tal-kreditu għal *input tax* minnha dikjarat fid-denunzji tat-taxxa tagħha għall-perijodi ta' taxxa mertu ta' dan l-appell. Konsegwentement il-projbizzjoni kontemplata u stipulata fl-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax tiġi applikata fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti, li invece għandha kull dritt li tippreżenta dawk id-dokumenti u dik id-dokumentazzjoni u data meħtieġa in sostenn ta' l-appell tagħha mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha mill-Kummissarju tat-Taxxi għall-perijodi ta' taxxa 01.04.12-30.06.12, 01.07.12-30.09.12, 01.10.12-31.12.12 u 01.01.13-31.03.13.

Fid-dawl ta' dan għalhekk jirriżulta li l-eċċezzjoni preliminari ai termini ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi ma hijiex ġustifikata u ma jisħoqqx li tiġi milqugħa.

Apparte dak kollu appena osservat u bla preġudizzju għall-istess, hemm ostakolu ieħor għas-suċċess ta' l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi anke kieku kellu jitqies li n-notifika ta' l-avviż datat 28 ta' Jannar 2015, it-tielet u l-aħħar avviż mibgħut lis-soċjetà Rikorrenti, kienet waħda valida (ħaġa li t-Tribunal jinsisti li ma kenitx), u cioè li l-Credit Control Exercise Report ġie konkluż u l-istimi proviżorji nħarġu qabel ma ddekorra t-terminu ta' tletin ġurnata min-"notifika" ta' dik l-interpellazzjoni għas-sottomissjoni ta' dokumenti, dokumentazzjoni u data stipulat fl-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

It-Tribunal qed jagħmel referenza għat-tielet u l-aħħar avviż tal-Kummissarju tat-Taxxi, ossia dak tat-28 ta' Jannar 2015, għar-raġuni li ma' kull avviż t-terminu ta' tletin ġurnata min-notifika jerġa' jibda jiddekorri u b'hekk kieku n-notifika ta' l-4 ta' Frar 2015 kellha titqies bħala waħda valida, it-*taxpayer*, is-soċjetà Rikorrenti fil-każ in eżami, kellha żmien sas-6 ta' Marzu 2015 biex tissottometti d-dokumenti, dokumentazzjoni u data minnha mitluba. Minn dan isegwi għalhekk li indipendentement mill-fatt li kien hemm interpellazzjonijiet oħra qabel l-interpellazzjoni tat-28 ta' Jannar 2015, il-Kummissarju tat-Taxxi kellu ai termini tal-Liġi l-obbligu li jistenna sas-6 ta' Marzu 2015 qabel ma jgħaddi għar-rapport dwar il-Credit Control Exercise fir-rigward tas-soċjetà Rikorrenti u għall-konsegwenti ħruġ ta' l-istimi proviżorji fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.04.12-30.06.12,

01.07.12-30.09.12, 01.10.12-31.12.12 u 01.01.13-31.03.13, u mhux li jagħlaq ir-rapport fil-25 ta' Frar 2015 u joħroġ l-istimi proviżorji fit-28 ta' Frar 2015.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi ai termini ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, u minflok jordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż relattivi għal din l-istanza partikolari huma a karigu tal-Kummissarju tat-Taxxi.

Ai termini tal-Partita 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lis-soċjetà Rikorrenti.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**